**44. Il-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI jipproponi:-**

Billi skond ir-Regolamenti ta' Proċedura ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurta' u Ko-Operazzjoni fl-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurta' u Ko-Operazzjoni fl-Ewropa għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parlament tal-pajjiżi li ffirmaw l-Att Finali ta' Helsinki (1975) u ċ-*Charter* ta' Pariġi (1990) u li jipparteċipaw fl-Organizzazzjoni għas-Sigurta' u Ko-Operazzjoni fl-Ewropa, liema rappreżentanti għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skond kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-istess Regolamenti ta' Proċedura jistabbilixxu li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar lil dawn il-Membri bħala r-rappreżentanti tagħha:

L-Onor Jason Azzopardi, Kap tad-delegazzjoni

L-Onor Frederick Azzopardi

L-Onor Anglu Farrugia.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort' oħra.

04.06.03